

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 10.12.2008
KUMM(2008) 845 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Qafas Legali għan-Netwerks u s-Servizzi tat-TV Mobbli:
L-Aqwa Prattiki għall-Awtorizzazzjoni - Il-Mudell tal-UE**

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL- KUMITAT TAR-REĠJUNI

Qafas Legali għan-Netwerks u s-Servizzi tat-TV Mobbli: L-Aqwa Prattiki għall-Awtorizzazzjoni - Il-Mudell tal-UE

1. L-ISFOND U L-GĦAN

Wara l-messaġġ politiku qawwi li ngħata mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tat-18 ta' Lulju 2007 "**Insaħħu s-Suq Intern għat-TV Mobbli**"¹, din il-Komunikazzjoni tagħti xi eżempji tal-aqwa prattiki dwar in-netwerks u s-servizzi tat-TV mobbli mill-approċċi regolatorji tal-Istati Membri. Għalkemm jiddependi mill-Istati Membri u l-awtoritajiet regolatorji kompetenti sabiex jiddeċiedu fuq il-proċeduri dwar l-għotji ta' awtorizzazzjonijiet / liċenzji, il-Kummissjoni hija ħerqana li tagħti l-appoġġ għal-iskerament tat-TV mobbli fl-UE u madwar id-dinja billi tipprowdi gwida fuq l-prattiki regolatorji xierqa għall-awtorizzazzjoni ta' servizzi bħal dawn. Din tirrappreżenta pass ieħor fl-istrateġija tal-Kummissjoni għat-TV mobbli fl-Unjoni Ewropea.

It-TV Mobbli huwa pjattaforma ġdida ta' servizz għat-trażmissjoni ta' kontenut awdjoviżiv – u servizzi interattivi assoċjati miegħu, b'mod partikolari b'assoċjazzjoni mas-servizzi 3G – għal-strument mobbli². Il-Komunikazzjoni tal-2007 indikat l-elementi ewlenin ta' strateġija Ewropea għat-TV mobbli bil-ħsieb li tiffaċilita l-utilizzar ta' dawn is-servizzi innovattivi madwar l-Unjoni. Wieħed mill-elementi prinċipali huwa l-ambjent regolatorju. **Iċ-ċertezza legali** hija importanti ferm għall-operaturi sabiex jieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-investment, speċjalment b'rispett lejn teknoloġiji ġodda u innovattivi bħat-TV mobbli; l-investituri bikrin b'mod partikolari jridu jkunu assigurati li mhux se jkunu soġġetti għall-restrizzjonijiet mhux previsti aktar tard. Elementi oħra tal-istrateġija tal-UE jinkudu l-għarfien tad-DVB-H bħala l-istandard għat-TV mobbli terrestri fl-Ewropa (id-DVB-H ġie miżjud mal-lista uffċjali tal-istandards tal-Unjoni Ewropea fis-17 ta' Marzu 2008³), u s-sejħa biex jingħataw l-frekwenzi lis-servizzi tat-TV mobbli fil-medda UHF⁴, notevolment fl-okkażjoni tal-varar mill-ġdid ta' din il-medda fil-kuntest tad-dividend diġitali⁵. Min-naħa l-oħra, it-tħassib fuq l-

¹ COM(2007) 409, minn hawn 'il quddiem msejħa "Il-Komunikazzjoni tal-2007".

² Hemm ħafna strumenti disponibbli għar-riċezzjoni tat-TV Mobbli, iżda l-iktar wieħed komuni huwa t-telefown ċellulari.

³ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/286/KE tas-17 ta' Marzu 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2007/176/KE fir-rigward tal-Lista ta' standards u/jew speċifikazzjonijiet għal netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, servizzi u faċilitajiet u servizzi assoċjati (ĠU L 93, 4.4.2008, p. 24)

⁴ Taħt il-qafas applikabbli għall-ispettru tax-xandir fil-medda UHF, l-Istati Membri ma jistgħux jagħtu jew iżommu "drittijiet esklussivi jew speċjali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju" (L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/77/KE), iridu jassiguraw l-użu effiċjenti tal-ispettru (L-Artikolu 8.2d tad-Direttiva tal-Qafas 2002/21/KE), u jridu jinkoraġġixxu l-kompetizzjoni effettiva (L-Artikolu 8.1) mingħajr l-ebda diskriminazzjoni (L-Artikolu 8.3 c). Flimkien, daww l-artikoli jirriżultaw fl-obligazzjoni sabiex l-ispettru jkun allokat b'mod effiċjenti.

⁵ Uħud mill-Istati Membri bħal Franza, l-Italja u l-Awstrija diġà hađu d-deċiżjoni sabiex jallokaw l-ispettru UHF għall-użu tat-TV mobbli u l-maġġoranza tal-Istati Membri li fadal qed jipplanaw li jagħmlu l-istess.

interoperabbiltà għadu jrid jiġi indirizzat mill-industrija u s-servizzi tal-Kummissjoni se jsegwu l-iżviluppi mill-viċin u jevalwaw l-bżonn ta' inizjattiva politika.

Barra minn hekk, u għaliex is-suċċess tat-TV mobbli jiddependi fil-biċċa l-kbira fuq id-disponibbiltà tal-kontenut, id-Direttiva l-għdida fuq is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva⁶ taddatta r-regoli tal-kontenut awdjoviżiv għall-evoluzzjoni tax-xena awdjoviżiva Ewropea u tiżgura approċċ ta' pjattaforma newtrali bejn ix-xandir – li jinkudi x-xandir mobbli – u s-servizzi ta' midja awdjoviżiva bir-rikjest (on-demand).

Meta l-Kummissjoni varat l-inizjattiva tagħha tat-TV mobbli, f'it biss mill-Istati Membri kienu bdew jindirizzaw l-kwistjonijiet regolatorji. L-ewwel azzjoni magħmula mis-servizzi tal-Kummissjoni immirat lejn l-iċċarar tax-xena regolatorja eżistenti fl-UE bl-użu ta' studju li sar għall-Kummissjoni minn konsulenti indipendenti. It-tagħrif, li kien ivalidat mill-Kumitati tal-esperti nazzjonali stabbiliti taħt il-qafas tal-komunikazzjonijiet-e⁷, huwa aġġornat regolarment u ppublikata fuq il-websajt tal-Kummissjoni⁸. Dan l-eżerċizzju ta' tfittix ta' fatti wera **grad għoli ta' varjazzjoni** dwar kif it-TV mobbli ġie ttrattat fil-liġi nazzjonali.

Wara l-iċċarar tas-sitwazzjoni regolatorja, il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tal-2007 tagħha talbet lill-Istati Membri sabiex joħlqu **ambjent regolatorju favorevoli** għall-forniment tas-servizzi tat-TV mobbli u sabiex jikkordinaw flimkien ħalli jkun hemm skambju tal-aqwa prattika fi tal-awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, ikkommetiet ruħha għall-forniment ta' gwida fuq qafas koerenti għall-iskemi tal-awtorizzazzjoni madwar l-UE, bl-identifikazzjoni tal-aqwa prattiki fl-UE u l-promozzjoni tal-adozzjoni mill-Istati Membri. Din kienet approvata fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-Telekomunikazzjonijiet f'Novembru 2007 dwar it-TV mobbli, fejn il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tmur lil hinn minn sempliċiment kollezzjoni ta' tagħrif u "*sabiex tidentifika l-aqwa prattiki fejn jikkonċerna l-iskemi tal-awtorizzazzjoni madwar l-UE u bi gwida xierqa tippromwovi l-adozzjoni konsistenti tagħhom mill-Istati Membri*"⁹.

Fi Frar 2008 kienet organizzata konsultazzjoni mal-partijiet interessati fil-kuntest tal-preparament ta' dawn il-linji gwida. Dan kien jinkludi workshop tal-Kummissjoni għall-industrija, fejn il-partijiet interessati kienu mistiedna jissottomettu l-kontribuzzjonijiet bil-miktub. Żewġ assoċjazzjonijiet tal-industrija kbar¹⁰ u diversi kumpaniji individwali wieġbu għas-sejħa għall-informazzjoni. Barra minn hekk, din il-kwistjoni kienet ippreżentata u diskussa f'diversi laqgħat ma rappreżentanti tal-Istati Membri fil-qafas tal-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet u s-sottokumitat tal-esperti tax-xandir tiegħu (CBISS).

It-TV Mobbli qiegħed fil-qalba tal-konverġenza. Dan ifisser li fuq il-livell tal-UE, it-TV mobbli huwa soġġett għal żewġ settijiet ta' regoli, li jgovernaw t-trażmissjoni u l-kontenut: il-qafas tal-komunikazzjonijiet-e, li jinkludi aspetti relatati mal-politika tal-ispettru, u d-Direttiva l-għdida dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva. Din il-Komunikazzjoni tindirizza l-mudelli t'awtorizzazzjoni fuq livell nazzjonali b'referenza għall-**aspetti tal-**

⁶ Id-Direttiva 2007/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 (ĠU L 332, 18.12.2007, p. 27).

⁷ Il-Kumitat tal-Komunikazzjoni (COCOM) u s-sottogruppi tiegħu fuq l-awtorizzazzjoni (AUTH) u l-affarijiet tax-xandir (CBISS).

⁸ http://ec.europa.eu/information_society/policy/ecomm/doc/current/broadcasting/mobile_tv/table_mobile_tv_auth_web_july08.pdf

⁹ Konklużjonijiet tal-Kunsill – Insaħħu is-Suq Intern għat-TV Mobbli, 29 ta' Novembru 2007

¹⁰ IL-Forum UMTS u l-Assoċjazzjoni GSM tat-TV Mobbli Grupp Konġunt ta' Ħidma; Il-forum BMCO

komunikazzjonijiet-e tal-iskemi regolatorji nazzjonali biss, u ma tmissx mal-liċenzji tal-kontenut. Din tiġbor fil-qosor ir-riżultati ewlenin ta' dan l-eżerċizzju ta' tfittix ta' fatti u tindika l-eżempji tal-aqwa Prattiki fejn jikkonċerna l-elementi ewlenin tal-iskemi tal-awtorizzazzjoni għat-TV mobbli. Din hija intenzjonata li sservi ta' bażi għal aktar diskussjoni u skambju tal-aqwa Prattiki fost l-awtoritajiet nazzjonali.

2. L-AWTORIZZAZZJONI TAN-NETWERKS U S-SERVIZZI TAT-TV MOBBLI MADWAR L-UE: IL-MUDELLI EWLENIN U L-AQWA PRATTIKI

Approċċi regolatorji dwar l-awtorizzazzjoni tan-netwerks u s-servizzi tat-TV **mobbli ivarjaw konsiderevolment** madwar l-UE. F'bosta Stati Membri, l-iskema ġenerali li tapplika għax-xandir impliċitament jew espliċitament tkun testendi għax-xandir tat-TV mobbli. F'xi oħrajn, ma hemm l-ebda regoli speċifiċi, jew il-qafas regolatorju għal din il-pjattaforma l-ġdida għadu qed jiġi diskuss. S'issa, flit hemm esperjenza b'servizzi tax-xandir li jużaw trażmissjonijiet mobbli esklussivament.

Kif intqal hawn fuq, huwa ferm importanti li tkun **evitata lakuna ġuridika** jew sitwazzjonijiet ikkaratterizzati minn grad għoli ta' **inċertezzi regolatorji** fuq livell nazzjonali li jiskoraġġixxu l-investiment u l-operaturi potenzjali tat-TV mobbli fis-Suq Intern. Id-differenzi fl-iskemi nazzjonali mhumieq impediment għall-varar b'suċċess tas-servizzi tat-TV mobbli *per se*, għax ir-regolament jista' jkollu bżonn jaqdi l-ħtiġijiet speċifiċi nazzjonali kif ukoll dawk lokali. Madankollu, it-TV mobbli huwa **servizz wireless** u, bħala tali, għandu l-potenzjal li jakkwista dimensjoni transkonfinali fil-futur. Minn din l-perspettiva, l-iskemi tal-awtorizzazzjoni tas-servizzi tat-TV mobbli għandhom iqiesu id-**dimensjoni tas-Suq Intern**. L-għan għandu jkun l-istinkar **f'ambjent ekwu** li jippermetti lill-atturi diversi biex jikkompettu taħt kundizzjonijiet simili. Hemm il-ħtieġa ta' **konsistenza fl-approċċi regolatorji madwar l-UE** sabiex jinholq ambjent regolatorju li jwassal għall-investiment u l-innovazzjoni.

Ir-regolamentazzjoni tat-TV mobbli hija limitata bl-iskarsezza tal-ispettru u bil-ħtieġa ta' faċilitazzjoni għad-dħul fis-suq tal-parteċipanti kollha, li ġejjen kemm mid-dinja tax-xandir kif ukoll mid-dinja tat-telekomunikazzjoni. Fil-**katina tal-valur tat-TV mobbli**, diversi saffi huwa kombinati, li jibdw mill-operat tan-netwerk, l-operat tal-pjattaforma tas-servizz u l-proviżjoni tal-kontenut, għall-katina tad-distribuzzjoni. **Bħalissa, l-iżjed Prattika komuni hija dik li tassenja spettru lill-operatur tal-pjattaforma jew, iktar rari, lill-operatur tan-netwerk**. F'dan il-każ se taġixxi, fil-prattika, ukoll bħala l-operatur tal-pjattaforma jew tista' tissottokuntratta din l-attività¹¹. Huwa madwar din l-iskema tal-awtorizzazzjoni – li tiddefenixxi d-drittijiet u l-obligazzjonijiet tal-operatur liċenzjat – li l-mudelli regolatorji huma mibnija.

Bħalissa huwa possibbli li tiddendifika it-**tliet mudelli regolatorji ewlenin** li ġejjin fis-suq tat-TV mobbli fl-Ewropa:

L-ewwel mudell huwa bbażat fuq l-**estensjoni tar-regoli tat-Televisin Diġitali Terrestri (DTT)** għal servizzi ġodda, b'manjiera espliċita jew impliċita (eż. l-Italja, Ir-Renju Unit). Għalkemm dan il-mudell jippreżenta l-vantaġġ tas-sempliċità u l-ħeffa tal-applikazzjoni, **għandha tiġi pprovduta skema speċifika għat-TV mobbli taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali**;

¹¹ Fil-Ġermanja biss ngħatat liċenzja tal-operat tan-netwerk separata mil-liċenzja tas-servizz tal-pjattaforma.

I-estensjoni sempliċi tar-regoli DTT tista' tkun insuffiċjenti u/jew mhux adekwata wara l-perjodu tal-bidu.

It-tieni mudell huwa il-**"mudell ordinarju tal-grossista"**. Minħabba li r-regolament jiffoka fuq l-operatur bl-ingrossa li għandu parti prinċipali fil-ġestjoni tan-netwerk, l-akkwist tal-ispettru, il-liċenzjar u b'mod fakultattiv l-aggregazzjoni tal-kontenut ukoll, dan jista' jwassal għall-falliment ta' ftehim, kif ġara fil-każ tal-Finlandja, jekk il-fornituri tal-kontenut m'għandhomx l-inċentiv li jagħmlu l-kontenut disponibbli. L-operatur tan-netwerk irid ukoll japplika termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji lill-fornituri tas-servizz tat-TV mobbli preżenti fuq in-netwerk tiegħu. Barra minn hekk, il-**"mudell ordinarju grossist"** fejn l-ispektrum huwa attribwit lill-operatur uniku jista' jqajjem ħsibijiet skont id-Direttiva tal-Kompetizzjoni¹², b'mod partikolari jekk l-assenjazzjoni tal-ispettru issir mingħajr proċedura ġusta u miftuħa taħt regoli kontra d-diskriminazzjoni¹³.

Fit-tielet mudell, l-**"approċċ integrat"**, il-partijiet kollha fil-katina tal-valur tat-TV mobbli, inkluż l-fornituri tal-kontenut, iridu jsibu qbil fuq is-servizzi qabel l-għotja tal-awtorizzazzjoni (eż. l-Awstrija)¹⁴. Dan il-mudell regolatorju jippreżenta l-vantaġġ li **jevita l-fallimenti fil-katina tal-valur**. L-integrazzjoni vertikali bejn il-partijiet hija stabbilita b'żewġ modi: l-ewwel, wieħed mill-kriterji tal-għażla għall-operatur tan-netwerk/pjattaforma huwa l-konklużjoni tal-qbil bejn l-aggregaturi tal-programm u/jew xandara sabiex ikun żgurat mudell ta' negozju possibbli; it-tieni, il-fornituri tal-kontenut għandhom bżonn liċenzja regolari għat-televixin diġitali, li tingħata wara l-prova ta' kuntratti mall-operatur tal-multiplex.

Skont dan il-mudell, l-iskedar koordinat tal-bidu tal-operati kummerċjali tal-atturi kollha fil-katina tal-valur tista' tkun assicurata, sakemm ir-regoli li qed jiġu mwaqqfa huma koereneti. Din hija r-raġuni għaliex **l-"approċċ integrat", jidher li huwa partikolarment adattat sabiex jiggarrantixxi l-varar b'suċċess tas-servizz tat-TV mobbli.**

Il-linja gwida għall-aqwa prattiki: Kwalunkwe skema ġdida ta' awtorizzazzjoni għat-TV mobbli skont il-liġi nazzjonali għandha timmira li tinvolvi l-atturi differenti fil-katina tal-valur filwaqt li tiżgura l-konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni nazzjonali u tal-KE.

3. L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-AQWA PRATTIKI REGOLATORJI FUQ DIVERSI LIVELLI TAL-ISKEMA REGOLATORJA

Sabiex ikunu indentifikati l-aqwa prattiki regolatorji għat-TV mobbli, huwa importanti li jkunu spjegati l-elementi ewlenin tal-iskema regolatorja li trid titqies. Għal dan il-għan, ġew indentifikati dawn il-gruppi li ġejjin:

- (1) Il-qafas ġenerali
- (2) L-iskemi ta' awtorizzazzjoni

¹² Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/77/KE tas-16 ta' Settembru 2002 dwar il-kompetizzjoni fis-swieq għan-networks u s-servizzi għall-komunikazzjonijiet elettroniċi (Test b'relevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 249, 17.9.2002, p. 21-26)

¹³ Ara wkoll l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni 2002/20/KE (ĠU L 108, 24.04.2002, p. 21).

¹⁴ Privatfernsehgesetz (PrTV-G) [BGBl. I No 84/2001] kif emendat bil-BGBl. I Nru 52/2007, Is-Sezzjoni 23 il-paragrafu (3) is-sottoparagrafu 3.

- (3) Il-proċeduri tal-għotja
- (4) L-aspetti speċifiċi.

Dan il-qafas konċettwali kien diskuss mall-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-industrija fi Frar 2008. Dawn l-elementi wara ġew valutati fil-kuntest tal-**oġġettivi tar-regolament, mill-perspettiva tal-UE**. Kif intqal fil-Komunikazzjoni tal-2007, l-oġġettiv regolatorju ewlieni għandu jkun skema regolatorja ħafifa, li tgħin il-varar tas-servizzi tat-TV mobbli mingħajr impedimenti u dewmien mhux xierqa. M'għandhomx ikunu imposti obligazzjonijiet mhux meħtieġa fuq il-partiċipanti tas-suq. Fl-istess ħin, ir-regolament għandu jipprovdi għall-ħtiġijiet minimi li jridu jkunu sodisfatti sabiex ikun żgurat l-użu effiċjenti tal-frekwenzi.

3.1. Il-qafas ġenerali

Fil-pajjiżi fejn se tkun adottata leġislazzjoni speċifika, u anke fil-pajjiżi fejn ir-regoli eżistenti tax-xandir japplikaw għall-issa għal din il-pjattaforma ta' servizz ġdid, il-karatteristiċi ewlenin tal-qafas regolatorju ġenerali għat-TV mobbli għandhom ikunu **iċ-ċarezza, it-trasparenza u l-effiċjenza tal-proċeduri**. **Proċess leġislattiv f'waqtu** huwa wkoll fattur importanti. Jekk ir-regolament jeħtieġ li jkun komplut billi jimplimenta l-miżuri, qed ikun irrakomandat li dawn il-miżuri jkunu adottati mingħajr dewmien. Il-bidu tas-servizzi tat-TV mobbli m'għandhomx jiddewmu minħabba li l-leġislazzjoni jew ir-regoli ta' implimentazzjoni ma kienux adottati fil-ħin.

Għandu wkoll jiġi mfakkar li l-partiċipanti fil-katina tal-valur tat-TV mobbli ġejjien minn setturi tal-industrija differenti. Għalhekk huwa importanti li **l-proċess ta' awtorizzazzjoni għal din il-pjattaforma ta' servizz ġdid ma tkunx ristretta għal kategorija waħda tal-partijiet, imma tkun miftuħa** għall-operaturi ekonomiċi kollha li huma kapaċi jikkonformaw mall-ħtiġijiet minimi neċessarji.

Il-linja gwida għall-aqwa prattiki: Il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għandhom ikunu miftuħa għall-partiċipanti tas-suq kollha sabiex ikun żgurat ambjent ekwu għall-atturi differenti fil-katina tal-valur tat-TV mobbli.

3.1.1. Il-mekkaniżmu ta' konsultazzjoni pubblika

Minħabba l-fatt li l-operaturi ekonomiċi tat-TV mobbli jista' jkollhom interessi konfliġġenti, ir-regolament tat-TV mobbli irid jqies it-tħassib differenti tagħhom. **Il-forniment ta' mekkaniżmi ta' konsultazzjoni pubblika**, qabel l-adozzjoni ta' kwalunkwe regolament speċifiku jew fil-kuntest ta' reviżjoni tar-regoli eżistenti, jista' jiffaċilita t-tfassil ta' regolament skont il-ħtiġijiet tas-suq u jassikura l-konformità tal-partiċipanti tas-suq mad-dispożizzjonijiet il-ġodda.

Il-linja gwida għall-aqwa prattiki: Il-konsultazzjoni pubblika maċ-ċittadini u l-partijiet kollha interessati għandha tkun organizzata b'mod sistematiku, b'mod parrallel mal-provi kummerċjali ta', *inter alia*, l-opportunitajiet relatati mal-iskerament tat-TV mobbli, l-użu tad-dividend diġitali għas-servizzi tat-TV mobbli u l-mudelli ta' finanzjament.

3.1.2. *Ir-Rappurtar regolari u r-reviżjoni*

Ir-regolament għas-servizzi tat-TV mobbli irid ikun mhux biss ċar u trasparenti iżda ukoll **flessibbli u kkurdat għal żviluppi ġodda**, f'ambjent teknoloġiku innovattiv, li l-ħin kollu jinbidel. Il-proviżjoni ta' klawżola ta' reviżjoni, b'assoċjazzjoni mar-rappurtar regolari mill-awtoritajiet pubbliċi dwar l-iżviluppi fis-suq, kif stipulat fl-iskema Franċiża, hija pożittiva f'dan ir-rispett. Ovvjament, kwalunkwe reviżjoni bħal din, li possibilment tirriżulta mir-rappurtar tas-suq, għandha toħloq **bilanċ tajjeb bejn il-pass tat-teknoloġija u t-tibdil fis-suq u l-bżonn li tkun assikurata ċertezza legali għall-partekipanti tas-suq**.

Il-linja gwida għall-aqwa prattiki: Ir-rappurtar regolari mill-awtoritajiet pubbliċi dwar l-iżviluppi fis-suq għandhom isiru, flimkien ma' proposti adegwati għall-adattament tar-regoli eżistenti.

3.2. **L-iskemi ta' awtorizzazzjoni**

3.2.1 *Relazzjoni ċara bejn ir-regoli applikabbli*

L-iskemi ta' awtorizzazzjoni huma element fil-qalba tal-ambjent regolatorju għat-TV mobbli. Minħabba n-natura "konverġenti" tat-TV mobbli, jeħtieġ li jkunu identifikati speċifikament id-drittijiet u l-obligazzjonijiet tal-operaturi, bħala l-operaturi tal-komunikazzjonijiet-e u l-fornituri tax-xandir. F'dan ir-rispett, huwa importanti li **r-relazzjoni bejn il-komunikazzjonijiet-e, l-ispettru u l-aspetti tal-kontenut tkun spjegata b'mod ċar**, sabiex tkun evitata l-ambigwiżà regolatorja jew l-irduppar.

Il-linja gwida għall-aqwa prattiki: Ir-relazzjoni bejn il-komunikazzjonijiet-e, l-ispettru u r-regoli tal-kontenut għandha tkun spjegata b'mod ċar, sabiex ikun hemm promozzjoni ta' skema ta' awtorizzazzjoni ċara u trasparenti.

3.2.2. *"Punt ta' waqfa waħda"*

Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, l-ġhotja ta' awtorizzazzjoni għat-TV mobbli taqa' taħt il-kompetenza ta' iżjed minn awtorità waħda – ministeru u/jew awtorità regolatorja indipendenti – minħabba l-aspetti ta' separazzjoni bejn il-komunikazzjonijiet-e u l-midja. **Kemm jekk ir-regolatur hu konverġenti jew le, huwa importanti li jkun stabbilit b'mod ċar u koerenti it-tqassim tar-responsabbiltajiet.**

"Punt ta' waqfa waħda", fejn l-operaturi ikkollhom punt wieħed ta' kuntatt sabiex jindirizza tipi differenti ta' awtorizzazzjoni, huwa kkunsidrat mill-maġġoranza tal-partekipanti tas-suq bħala l-aqwa prattika, sakemm il-prinċipji tal-pluraliżmu u d-diversità kulturali huma rispettati. Il-vantaġġ ta' din il-proċedura joħroġ mis-simplifikazzjoni amministrattiva u l-koordinazzjoni tal-ħin, f'każijiet fejn tinħtieġ l-approvazzjoni minn diversi bnadi.

Il-linja gwida għall-aqwa prattiki: L-iskema nazzjonali għat-TV mobbli għandha tiżgura approċċ ta' "punt ta' waqfa waħda" jew tal-anqas tillimita għall-minimu l-għadd ta' partijiet pubbliċi fid-deċiżjonijiet sabiex jingħataw l-awtorizzazzjonijiet tat-TV mobbli. Fi Stati Membri li għandhom livell ta' awtorizzazzjoni sottonazzjonali, għandha tintuża proċedura simili jew kkoordinata għall-korpi kollha federali/reġjonali. Il-"punt ta' waqfa waħda" huwa ta' importanza partikolari meta tinħtieġ l-approvazzjoni minn diversi bnadi.

3.3. Proċeduri tal-għotja

Iż-żmien huwa fattur prinċipali għall-UE kollha f'termini ta' kompetittività fis-suq globali. Għall-varar b'ħeffa tat-TV mobbli fl-Istati Membri kollha, kriterji ewlieni tas-suċċess hija skeda ċara għall-proċedura tal-għotja li hija **pubblika, trasparenti u spjegata minn qabel**.

Il-linja gwida għall-aqwa Prattiki: Skeda ċara għall-proċedura tal-għotja għandha tkun mħabbra sa mhux aktar tard mill-bidu tal-provi kummerċjali tas-servizzi tat-TV mobbli.

3.3.1. It-tip ta' għotja u l-kriterji

L-irkanti u l-konkorsi tas-sbuħija huma żewġ modi alternattivi għall-awtoritajiet nazzjonali sabiex jagħtu l-awtorizzazzjonijiet. S'issa, il-konkorsi tas-sbuħija kellhom tendenza li jintużaw sabiex tkun assenjata l-awtorizzazzjoni tal-pjattaforma. Il-kriterji tal-għotja huma għodda importanti għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali sabiex ikun żgurat li s-servizzi provduti se jimxu ma' ċerti rekwiżiti, li huma l-garanzija tal-użu effiċjenti tal-ispettru ddedikat lit-TV mobbli.

Il-proċedura tal-għotja għandha wkoll tiżgura l-bidu fil-ħin tal-operat tat-TV mobbli. Ċerti kondizzjonijiet jistgħu jintużaw biex jimminimizzaw ir-riskju ta' falliment, eż. bejn l-operaturi tal-pjattaforma, l-fornituri tal-kontenut u l-operaturi tal-mobbli. Ir-rekwiżiti għall-applikanti jistgħu għalhekk jinkludu qbil bejn il-partijiet differenti fil-katina tal-valur, soġġett li jimxu mar-regoli tal-kompetizzjoni.

Skont it-termini tal-kriterji speċifiċi tal-għotja, huwa tajjeb li tkun enfasizzata l-importanza tal-**kwalità tas-servizz** li għandha rwol prinċipali fejn jikkonċerna l-aspettattivi tal-konsumaturi għat-TV mobbli, b'mod partikolari b'referenza għall-kopertura fuq ġewwa u l-kwalità tat-trażmissjoni.

Il-linja gwida għall-aqwa Prattiki: Il-kriterji tal-għotja oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorja għandhom ikunu applikati, b'konformità mal-Liġi tal-Komunità. Il-proċeduri tal-għotja għandhom jinkoraġġixxu approċċ kollaborattiv bejn il-partijiet, soġġett li jimxu mar-regoli tal-kompetizzjoni. Ir-rekwiżiti għall-kwalità tas-servizz, li jinkludu l-kopertura fuq ġewwa, u l-użu ottimu tal-ispettru għandhom ikunu parti mill-kondizzjonijiet tal-għotja.

3.3.2. Kundizzjonijiet oħra tal-għotja

F'ħafna mill-Istati Membri, multiplex wieħed huwa jew se jkun ddedikat għat-TV mobbli – fi Franza, id-diskussjoni li għaddeja tiftaħ it-triq għal żewġ multiplexes, fuq frekwenzi mid-dividend diġitali, eż. il-frekwenzi disponibbli wara l-waqfien tas-sistemi analogi. Sabiex tkun **evitata l-ħażna tal-ispettru**, ir-regolament jista' jinkludi dispożizzjoni dwar perjodu massimu mingħajr attività.

Il-linja gwida għall-aqwa Prattiki: Il-possibbiltà tal-irtirar tal-għotja tal-ispettru għat-TV mobbli li ma jkunx utiżżat f'perjodu raġonevoli ta' żmien għandha tkun inkluża fil-kundizzjonijiet tal-għotja.

3.4. L-aspetti speċifiċi

F'dan l-istadju bikri tal-iżvilupp tas-suq, jista' jidher desiderevoli li kwalunkwe kondizzjoni speċifika annessa mal-awtorizzazzjonijiet hija xierqa u jkun evitat li jimponu piż żejjed fuq l-operaturi.

3.4.1. Regoli "ta' bil-fors"

Skont il-leġislazzjoni Ewropea¹⁵, l-obligazzjonijiet "ta' bil-fors" jistgħu jkunu imposti biss jekk għadd sinifikanti ta' utenti finali tan-network jagħmlu użu minnu bħala l-mezz prinċipali tagħhom biex jirċievu xandiriet tar-radju u t-televiżjoni. Fil-preżent, it-TV mobbli għadu fil-fażi tal-bidu tiegħu; **ir-regoli "ta' bil-fors" ma jistgħux ikunu imposti fuq it-TV mobbli f'dan l-istadju.** Xorta waħda, il-kanali li jibbenifikaw minn ta' bil-fors huma spiss ukoll il-kanali "li jrid ikollok", li attwalment iżidu l-valur kummerċjali tas-servizzi ta' distribuzzjoni u li x'aktarx ikunu inklużi fi kwalunkwe pakkett prinċipali tat-TV mobbli.

¹⁵ L-Artikolu 31, id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002, id-Direttiva tas-Servizz Universali (ĠU L 108, 24.2.2002, p. 51-77)

F'dak ir-rigward, u fl-ispirtu tal-approċċ koperattiv promoss b'din il-Komunikazzjoni, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu utilment joħlqu regoli dwar dak "li jrid ikun offrut" għal servizz li għadu qed jitwieled bħat-TV mobbli li għandu bżonn kontenut attraenti.

Il-linja gwida għall-aqwa prattiki: Id-diskussjoni dwar ir-regoli ta' dak "li jrid ikun offrut" fis-servizzi tat-TV mobbli għandha tiġi organizzata f'kull Stat Membru u fuq livell tal-UE.

3.4.2. *Il-Qsim tal-Infrastruttura tan-Network*

Il-qsim tal-infrastruttura tan-network huwa element importanti sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-mogħdija u tiżdied l-kapaċità tal-kopertura u t-trażmissjoni¹⁶. Kif ingħad fil-Komunikazzjoni tal-2007, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jippermettu **l-qsim tal-infrastruttura tan-network**¹⁷ u jinkoraġġixxu il-kolokazzjoni meta din hija meħtieġa sabiex tiffaċilita l-varar tan-network. Il-kolokazzjoni tista' tkun imposta ukoll fejn huwa meħtieġ li jkunu ndirizzati t-tħassib ambjentali possibbli¹⁸.

Il-linja gwida għall-aqwa prattiki: Għandu jkun inkoraġġit il-qsim tal-infrastruttura tan-network għas-servizzi tat-TV mobbli, sal-limitu permess mir-regoli tal-kompetizzjoni.

3.4.3. *L-interoperabbiltà u r-roaming*

L-oġġettiv ta' **interoperabbiltà kompleta** fuq in-networks u l-apparati tibqa' importanti sabiex ikun possibbli ir-roaming madwar l-UE kollha fejn huwa xieraq, u s-soluzzjonijiet interoperabbli għandhom ikunu ffavoriti. L-iżviluppi fis-suq urew li l-interoperabbiltà tista' tintlaħaq meta l-partijiet interessati jaġixxu flimkien b'għan komuni li jimplementaw standard tekniku bħad-DVB-H. Bħalissa qed ikun hemm sforzi f'dan ir-rispett f'fora industrijali u ta' standardizzjoni, u qed jiffukaw notevolment fuq is-servizzi u s-saffi ta' applikazzjonijiet.

Barra minn hekk, in-natura wireless tat-TV mobbli tfisser li l-konsumaturi se jkunu qed legalment jippretendu apparat li jaħdem b'mod transkonfinali, bħal ma huwa l-każ tat-telefonija ċellulari "roaming". **Ir-roaming madwar l-UE tat-TV mobbli** x'aktarx ħa jsir iżjed importanti hekk kif l-użu tas-servizzi jikber madwar l-Ewropa. Għandu wkoll jiġi mfakkar li xi **kanali transkonfinali jew pan-Ewropej** diġà huma disponibbli illum u jistgħu jipprovdu bażi ta' evalwazzjoni importanti għas-servizzi pan-Ewropej tal-futur¹⁹. Il-varar tas-servizzi tat-TV mobbli bis-satellita bbażati fuq id-DVB-SH huwa mistenni fl-Ewropa s-sena d-dieħla.

¹⁶ Pożizzjoni simili għandha appoġġ fuq livell internazzjonali, per eżempju fit-8 Simposju Globali għar-Regolaturi fit-13 ta' Marzu 2008, Pattaya, it-Tajlandja.

¹⁷ Ftehimiet bħal dawn ilhom fis-seħħ f'xi swieq fil-kuntest tal-GSM u/jew l-infrastruttura UMTS u eżentati mill-Kummissjoni taħt ir-regoli ta' Kompetizzjoni ta' l-UE. Eż. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2003 (Każ COMP/38.369: **T-Mobile Deutschland/O2 il-Ġermanja**: Qsim tan-Network Rahmenvertrag, ĠU L 75, 12.3.2004, p. 32 u s-Sentenza tas-CFI tat-2 ta' Mejju 2006 (Każ T-328/03).

¹⁸ Skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002, id-Direttiva tal-Qafas (ĠU L 108, 24.2.2002, p. 33-50)

¹⁹ B'mod t'eżempju, il-Euronews, l-Arte, it-3 Sat, l-Eurosport, il-France 24 u l-BBC World.

Il-linja gwida għall-aqwa prattiki: L-aspetti relatati mal-interoperabbiltà u r-roaming għat-TV mobbli għandhom jingħataw konsiderazzjoni xierqa fid-dawl tan-natura wireless tas-servizzi.

4. IL-KONKLUŻJONIJIET U S-SEGWITU

Jidher ċar, li **l-aqwa prattiki** regolatorji **jridu jitqassmu sabiex ikunu effettivi**. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ser tkompli tippromwovi l-iskambju ta' tagħrif, l-esperjenza u l-aqwa prattiki bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-partijiet interessati l-oħra. It-tagħrif fuq ir-regolament tat-TV mobbli sottomess mill-Istati Membri huwa disponibbli pubblikament fuq il-websajt tal-Kummissjoni²⁰ u se jkompli jkun aġġornat regolarment. L-iskambji ta' tagħrif u l-aqwa prattiki notevolment se jsiru mill-esperti tal-Istati Membri tal-kumitati eżistenti, bħal Kumitat tal-Komunikazzjonijiet u s-sottokumitati tiegħu fuq l-awtorizzazzjoni u x-xandir. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jirrapurtaw ukoll regolarment lill-Parlament Ewropew u l-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill fuq din il-kwistjoni.

²⁰ *Idem* nota ta' qiegħ il-paġna 8